SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

2 ta' Ġunju 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2010/75/UE – Artikolu 3(9) – Prevenzjoni u tnaqqis integrati tat-tniġġis – Proċedura ta' emenda ta' awtorizzazzjoni – Parteċipazzjoni tal-pubbliku kkonċernat – Kunċett ta' "bidla sostanzjali" ta' installazzjoni – Estensjoni tal-perijodu tal-operat ta' landfill"

Fil-Kawża C-43/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Jannar 2021, fil-proċedura

FCC Česká republika s.r.o.

vs

Ministerstvo životního prostředí,

Městská část isa áblice,

Spolek pro raq áblice,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, S. Rodin, J.-C. Bonichot (Relatur), L. S. Rossi u O. Spineanu Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Ċek, minn L. Dvořáková, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Noll-Ehlers u P. Ondrůšek u C. Valero, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

wara li nstemgħu l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU 2010, L 334, p. 17, rettifika fil-ĠU 2012, L 158, p. 25).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn FCC Česká republika s.r.o., u Ministerstvo životního prostředí (il-Ministeru għall-Ambjent, ir-Repubblika Ċeka), Městská část Praha-Ďáblice (id-Distrett ta' Praha-Ďáblice, ir-Repubblika Ċeka) u Spolek pro Ďáblice, dwar id-deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru 2015 li temenda l-awtorizzazzjoni għall-operat tal-landfill ta' Praha-Ďáblice mogħtija lil din il-kumpannija, sabiex jiġi estiż il-perijodu ta' rimi ta' skart mill-31 ta' Diċembru 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 2 tad-Direttiva 2010/75 hija fformulata kif ġej:

"Sabiex ikun hemm prevenzjoni u tnaqqis u sa fejn hu possibbli l-eliminazzjoni ta' tniġġis li jkun ġej minn attivitajiet industrijali, b'konformità mal-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas' u l-prinċipju tal-prevenzjoni tat-tniġġis, jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas ġenerali għall-kontroll tal-attivitajiet industrijali ewlenin, billi tingħata prijorità lill-intervent f'ras il-għajn, tiġi żgurata l-ġestjoni prudenti tar-riżorsi naturali u jitqiesu, fejn ikun meħtieġ, is-sitwazzjoni ekonomika u l-karatteristiċi lokali speċifiċi tal-post fejn l-attività industrijali tkun qed titwettaq."

4 Il-premessa 5 ta' din id-direttiva tipprovdi:

"Sabiex jiġu żgurati l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, kull installazzjoni għandha topera biss jekk ikollha permess […]"

5 Il-premessa 18 tal-imsemmija direttiva tipprovdi:

"Bidliet f'installazzjoni jistgħu jagħtu lok għal livelli ogħla ta' tniġġis. L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata li tista' taffettwa l-ambjent. Bidliet sostanzjali għall-installazzjonijiet li jista' jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent m'għandhomx isiru mingħajr permess mogħti f'konformità ma' din id-Direttiva."

6 Il-premessa 27 tal-istess direttiva tistabbilixxi:

"F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Århus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-partiċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali [(ĠU 2005, L 124, p. 4), konkluża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2005, L 124, p. 1)], il-partiċipazzjoni effettiva min-naħa tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet tgħin lill-pubbliku biex jesprimi, u lil min jieħu d-deċiżjonijet li jqis, l-opinjonijiet u t-tħassib li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk id-deċiżjonijiet, biex b'hekk jiżdiedu l-kontabbiltà u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jikkontribwixxu għall-għarfien mill-pubbliku tal-kwistjonijiet ambjentali u l-appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda. […]"

7 Skont l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75, "bidla sostanzjali" tfisser: "bidla fin-natura jew it-tħaddim, jew estensjoni, ta' installazzjoni jew impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li jista' jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent".

8 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ebda installazzjoni jew impjant tal-kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart ma jiġi operat mingħajr awtorizzazzjoni.

9 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-attivitajiet stabbiliti fl-Anness I u li, fejn applikabbli, jilħqu l-limiti tal-kapaċità stabbiliti f'dak l-Anness."

10 L-Artikolu 12 tal-istess direttiva, intitolat "Applikazzjonijiet għal permessi", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li applikazzjoni għal permess tkun tinkludi deskrizzjoni ta' dan li ġej:

a) l-installazzjoni u l-attivitajiet tagħha;

b) il-materja prima u dik awżiljari, sustanzi oħra u l-enerġija użata fi jew ġenerata mill-installazzjoni;

c) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni;

d) il-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni;

e) fejn applikabbli, rapport ta' bażi skont l-Artikolu 22(2);

f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet imbassra mill-installazzjoni f'kull element ambjentali kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;

g) it-teknoloġija proposta u metodi tekniċi oħra għall-prevenzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet mill-installazzjoni;

h) il-miżuri għall-prevenzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;

i) miżuri oħra maħsuba għat-tħaris tal-prinċipji ġenerali tal-obbligi bażiċi tal-operatur kif previsti fl-Artikolu 11;

j) miżuri maħsuba għall-osservazzjoni tal-emissjonijiet fl-ambjent;

k) l-alternattivi prinċipali għat-teknoloġija, il-metodi tekniċi u l-miżuri proposti studjati f'deskrizzjoni fil-qosor mill-applikant.

Applikazzjoni għal permess għandha tinkludi wkoll sommarju mhux tekniku tad-dettalji msemmijin fl-ewwel subparagrafu.

2. Meta informazzjoni mogħtija skont ir-rekwiżiti previsti fid-Direttiva 85/337/KEE jew rapport ta' sigurtà mħejji skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE jew informazzjoni oħra mogħtija b'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra jkun jissodisfa kwalunkwe mir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, dik l-informazzjoni tista' tiġi inkluża fi, jew mehmuża ma', l-applikazzjoni."

11 L-Artikolu 14(1) u (2) tal-istess Direttiva 2010/75, intitolat "Kondizzjonijiet għal permess", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess ikun jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li tkun ikkunsidrata n-natura u l-potenzjal tagħhom li jitrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor;

(b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;

(c) rekwiżiti adattati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li jispeċifikaw:
   i) il-metodoloġija tal-kejl, il-frekwenza u l-proċedura ta' valutazzjoni; u
   ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), li r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ikunu disponibbli għall-istess perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(d) regolarment u mill-anqas darba fis-sena obbligu biex l-awtorità kompetenti tkun fornuta bi:
   i) informazzjoni abbażi ta' riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) u data oħra meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess; u
   ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li jippermetti li jsir paragun mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(e) rekwiżiti adatti għaż-żamma fl-ordni u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art skont il-punt (b) u rekwiżiti adatti li jikkonċernaw il-monitoraġġ perijodiku ta' ħamrija u ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikoluży rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'konsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni;

(f) miżuri relatati ma' kondizzjonijiet minbarra l-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim bħall-bidu u t-tmiem tat-tħaddim, tnixxijiet, ħsara, waqfien momentarju, u waqfien definittiv tat-tħaddim;

(g) dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' tniġġis f'distanzi fit-tul jew transkonfinali;.

(h) kondizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati x'imkien ieħor.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu supplimentati jew mibdula b'parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent.

[…]"

12 L-Artikolu 20 ta' din id-direttiva, intitolat "Bidliet minn operaturi għal installazzjonijiet", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata fin-natura jew il-funzjonament, jew estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. Meta jkun il-każ, l- awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ebda tibdil sostanzjali ppjanat mill-operatur ma jsir mingħajr permess maħruġ skont din id-Direttiva.

L-applikazzjoni għal permess u d-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti għandhom ikopru dawk il-partijiet tal-installazzjoni u dawk id-dettalji elenkati fl-Artikolu 12 li jistgħu jiġu effettwati mill-bidla sostanzjali.

3. Kwalunkwe bidla fin-natura jew fil-funzjonament jew estensjoni ta' installazzjoni għandha titqies li tkun sostanzjali jekk il-bidla jew l-estensjoni fiha nfusha tilħaq il-limiti tal-kapaċità stabbiliti fl-Anness I."

13 L-Artikolu 24(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku interessat jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex jippartieċipa fil-proċeduri li ġejjin:

[…]

b) il-ħruġ ta' permess għal kwalunkwe bidla sostanzjali;

[…]"

14 L-Artikolu 25 tal-istess direttiva, intitolat "Aċċess għall-ġustizzja", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet suġġetti għall-Artikolu 24 meta titwettaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom interess suffiċjenti;

(b) iżommu t-tnaqqir ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prekondizzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.

3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u tnaqqir ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat.

Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-il-ħarsien ambjentali u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-għan tal-punt (a) tal-paragrafu 1.

Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu mnaqqra għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' reviżjoni preliminari quddiem awtorità amministrattiva u m'għandhomx jaffettwaw ir-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-reviżjoni ġudizzjarja, meta jeżisti dan ir-rekwiżit taħt il-liġi nazzjonali.

Kull proċedura bħal din għandha tkun ġusta, retta, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni prattika ssir disponibbli lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrativi u ġudizzjarji tar-reviżjoni."

Id-dritt Ċek

Il-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata

15 Iż-zákon č. 76/2002 Sb., o integrované prevenci a omezování znečištění, o integrovaném registru znečišťování a o změně některých zákonů (zákon o integrované prevenci) (il-Liġi Nru 76/2002 dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis, dwar ir-Reġistru Integrat tat-Tniġġis, u li

Temenda Ċerti Liġijiet (il-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata)), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ meta ġraw il-fatti fil-kawża prinċipali), li tittrasponi d-Direttiva 2010/75 fl-ordinament ġuridiku Ċek, tiddefinixxi, fl-Artikolu 2(i) tagħha, "bidla sostanzjali" bil-mod segwenti:

"bidla fl-użu, fl-operat jew fil-firxa tal-installazzjoni li jista' jkollha effetti negattivi sinjifikattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent; dejjem jitqiesu bħala modifika sostanzjali:

1. modifika tal-użu, tal-modalitajiet ta' operat jew tad-daqs tal-installazzjoni li tilħaq hija stess il-valuri limitu stabbiliti fl-Anness Nru 1 ta' din il-liġi […]".

16 Skont l-Artikolu 7(1) tal-istess liġi, huma dejjem partijiet fil-proċedura ta' għoti ta' awtorizzazzjoni integrata:

"a) l-operatur tal-installazzjoni,

b) il-proprjetarju tal-operat jekk ma jkunx l-operatur,

c) il-komun li fit-territorju tiegħu tinsab jew għandha tkun tinsab l-installazzjoni,

[…]

e) l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet karitattivi, il-federazzjonijiet ta' min iħaddem jew il-kmamar ekonomiċi li l-attivitajiet tagħhom għandhom l-għan li jenfasizzaw jew jiddefendu l-interessi professjonali jew l-interessi pubbliċi fis-sens ta' dispożizzjonijiet legali speċifiċi, kif ukoll il-komuni u r-reġjuni li fit-territorji tagħhom din l-installazzjoni tista' tinfluwenza l-ambjent, jekk huma jkunu rreġistrati bil-miktub bħala parteċipanti fl-uffiċċju f'terminu ta' 8 ijiem mill-pubblikazzjoni tas-sunt qasir tad-data tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 8."

17 L-Artikolu 19a tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata jirregola l-proċedura ta' emenda tal-awtorizzazzjoni integrata. Fil-każ li ma tkunx kwistjoni ta' emenda sostanzjali, l-Artikolu 19a(4) ta' din il-liġi jipprovdi li għandhom jipparteċipaw fil-proċedura ta' emenda tal-awtorizzazzjoni "il-partijiet", fis-sens tal-Artikolu 7(1)(a) u (b) tal-imsemmija liġi, jiġifieri l-operatur u l-proprjetarju tal-installazzjoni. Huma l-uffiċċji reġjonali, fi Praga, il-Magistrát hlavního města Prahy (l-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Praga), li jadottaw id-deċiżjonijiet ta' għoti u ta' emenda ta' awtorizzazzjoni integrata. Huwa l-Ministeru għall-Ambjent, jiġifieri l-awtorità tal-appell, li għandu jiddeċiedi dwar l-appelli amministrattivi ppreżentati kontra dawn id-deċiżjonijiet.

Fuq il-Liġi dwar l-Evalwazzjoni tal-Effetti fuq l-Ambjent

18 Iż-zákon č. 100/2001 Sb., o posuzování vlivů na životní prostředí (il-Liġi Nru 100/2001 dwar l-Evalwazzjoni tal-Effetti fuq l-Ambjent), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, tittrasponi d-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44).

19 Skont l-Artikolu 3 tal-Liġi Nru 100/2001, fil-verżjoni fis-seħħ meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, għall-finijiet tagħha,

"[…]

c) it-territorju kkonċernat huwa t-territorju li l-ambjent u l-popolazzjoni tiegħu jistgħu jkunu affettwati b'mod serju mill-implimentazzjoni jew mid-disinn ta' proġett,

d) il-kollettività territorjali kkonċernata hija l-kollettività territorjali li t-territorju amministrattiv tagħha jikkostitwixxi, minn tal-inqas parzjalment, it-territorju kkonċernat,

[…]

i) il-pubbliku interessat

[…]

2. il-persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat li l-attività tagħha għandha bħala għan, skont l-att kostituttiv, il-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa pubblika, li l-attività prinċipali tagħha ma hijiex l-impriża jew attività oħra lukrativa u li nibtet mill-inqas 3 snin qabel il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-proċedura ta' segwitu fis-sens tal-Artikolu 9b(1), jekk ikun il-każ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 7(6), jew li kisbet is-sostenn ta' mill-inqas 200 firma."

20 L-Artikolu 9c tal-imsemmija liġi huwa fformulat kif ġej:

"Sa fejn hija tirreġistra permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub mal-korp li jmexxi l-proċedura ta' segwitu f'terminu ta' 30 jum mill-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9b(1), issir ukoll parti fil-proċedura ta' segwitu:

a) il-kollettività territorjali kkonċernata, jew

b) il-pubbliku kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 3(i)(2)."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

21 FCC Česká republika topera landfill fid-distrett ta' Praha-Ďáblice, abbażi ta' awtorizzazzjoni maħruġa matul is-sena 2007 skont il-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata. Din l-awtorizzazzjoni ġiet emendata diversi drabi, b'mod partikolari darbtejn sabiex jiġi estiż il-perijodu ta' rimi ta' skart fil-landfill. Fi tmiem is-sena 2015, FCC Česká republika talbet lill-amministrazzjoni tal-belt ta' Praga, jiġifieri l-awtorità kompetenti, it-tielet posponiment tad-data prevista għat-tmiem tal-operat, stabbilita għall-31 ta' Diċembru 2015. Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru tal-istess sena, din l-awtorità amministrattiva laqgħet it-talba u pposponiet id-data tat-tmiem tar-rimi tal-iskart fil-landfill għall-31 ta' Diċembru 2017.

22 Id-distrett ta' Praha-Ďáblice u Spolek pro Ďáblice, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, ippreżentaw rikors amministrattiv kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Ministeru għall-Ambjent, li ċaħadha bħala inammissibbli minħabba li r-rikorrenti ma kinux partijiet fil-proċedura ta' emenda tal-awtorizzazzjoni integrata.

23 Dawn tal-aħħar appellaw mid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Ministeru għall-Ambjent quddiem il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka), li annullatha għar-raġuni li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' rimi ta' skart f'landfill kienet "bidla sostanzjali", fis-sens tal-Artikolu 2(i) tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata, li kienet tagħti dritt għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku skont id-Direttiva 2010/75.

24 FCC Česká republika appellat mis-sentenza tal-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) quddiem in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka), jiġifieri l-qorti tar-rinviju. Hija ssostni li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata mill-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga), is-sempliċi estensjoni ta' sentejn tal-perijodu ta' rimi ta' skart f'landfill, peress li din ma timplikax xogħlijiet jew interventi li jbiddlu s-sitwazzjoni fiżika tal-post, ma tistax tiġi kklassifikata bħala "bidla sostanzjali", fis-sens tal-Artikolu 2(i) tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata.

25 L-estensjoni tal-awtorizzazzjoni la biddlet id-daqs tal-landfill u lanqas il-kapaċità totali tiegħu ta' ħażna tal-iskart. Kien ukoll għall-finijiet li timtela l-landfill sal-kapaċità awtorizzata li FCC Česká republika ressqet talba għal estensjoni tal-perijodu ta' rimi ta' skart f'landfill. Fl-aħħar, jekk l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni kellu jkollha effetti fuq l-ambjent, ma jkunx hemm inkwistjoni, skont FCC Česká republika, "bidla sostanzjali", fis-sens tal-Artikolu 2(i) tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni Integrata.

26 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja sal-lum għadha ma ddeċidietx dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "bidla sostanzjali", fis-sens tad-Direttiva 2010/75.

27 Minkejja li, fil-kawża prinċipali, la d-daqs massimu awtorizzat u lanqas il-kapaċità totali tal-landfill ma ġew emendati, hija tirrileva li l-estensjoni tar-rimi f'landfill madankollu jkollha l-konsegwenza li l-iskart jintefa' fil-landfill għal sentejn addizzjonali. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li, skont il-premessa 12 u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2010/75, din għandha l-għan li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent fl-intier tiegħu. Għaldaqstant, hija ma tarax ostakolu li jipprekludi li l-estensjoni tal-operat ta' impjant tista' tikkostitwixxi "bidla sostanzjali" sa fejn din l-estensjoni jista' jkollha effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, kif jeżiġi l-Artikolu 3(9) ta' din id-direttiva.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-punt 9 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/75 […] għandu jiġi interpretat fis-sens li "bidla sostanzjali" ta' installazzjoni tfisser ukoll l-estensjoni tal-perijodu ta' ħżin f'terraferma [rimi ta' skart f'landfill], anki jekk fl-istess waqt ma jkun hemm ebda bidla fis-superfiċi massima approvata u lanqas fil-kapaċità totali permissibbli tat-terraferma?"

Fuq id-domanda preliminari

29 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75 għandux jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill, mingħajr ma jiġu emendati la d-dimensjonijiet massimi approvati tal-installazzjoni u lanqas il-kapaċità totali tagħha, tikkostitwixxi "bidla sostanzjali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

30 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-landfills intiżi li jirċievu iktar minn 10 tunnellata skart kuljum jew kapaċità ta' iktar minn 25 000 tunnellata huma fost l-attivitajiet elenkati fl-Anness I ta' din id-direttiva li, peress li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II tal-imsemmija direttiva skont l-Artikolu 10 tagħha, huma suġġetti għal permess skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/75. L-istess japplika għal kull "bidla sostanzjali" fl-installazzjoni skont l-Artikolu 20(2) tal-istess direttiva.

31 Meta awtorizzazzjoni hija meħtieġa, minn naħa, l-Artikolu 24(1)(a) tad-Direttiva 2010/75 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jingħata l-possibbiltà bikrija u effettiva li jipparteċipa fil-proċedura ta' ħruġ ta' din l-awtorizzazzjoni u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 25 ta' din id-direttiva jagħti lill-membri ta' dan il-pubbliku d-dritt li jippreżentaw azzjoni ġudizzjarja, b'mod partikolari kontra din l-awtorizzazzjoni, jekk ikollhom interess ġuridiku suffiċjenti.

32 Skont l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75, "bidla sostanzjali" tal-installazzjoni hija "bidla fin-natura jew it-tħaddim, jew estensjoni, ta' installazzjoni jew impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li jista' jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent".

33 Mill-kliem stess ta' dan l-Artikolu 3(9) jirriżulta li emenda għandha tiġi kklassifikata bħala "sostanzjali" taħt żewġ kundizzjonijiet, l-ewwel waħda relatata mal-kontenut tat-tibdil u t-tieni waħda mal-konsegwenzi potenzjali tagħha.

34 Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi. Fil-fatt, bidla fil-karatteristiċi jew fil-funzjonament, jew estensjoni ta' installazzjoni ma hijiex "sostanzjali", fis-sens tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75, jekk ma jistax ikollha effetti negattivi sinjifikattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. Min-naħa l-oħra, ma huwiex biżżejjed li bidla jista' jkollha effetti negattivi sinjifikattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent sabiex tkun "sostanzjali", fis-sens ta' din id-direttiva. Kieku dan kien il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kienx jippreċiża li bidla sostanzjali tikkonsisti f'bidla fil-karatteristiċi jew fil-funzjonament, jew f'estensjoni ta' installazzjoni.

35 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni relatata mal-kontenut tal-emenda sostanzjali, l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75 jiddefinixxiha, b'mod alternattiv, bħala "tibdil fil-karatteristiċi jew fil-funzjonament, jew estensjoni ta' installazzjoni".

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill ma tbiddilx, fih innifsu, il-perimetru tal-installazzjoni u lanqas il-kapaċità ta' ħażna kif prevista fl-awtorizzazzjoni inizjali u għalhekk ma tikkostitwixxix "estensjoni" tal-installazzjoni. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju qagħdet attenta li tippreċiża li l-estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija prevista mingħajr modifika konkomitanti tad-dimensjonijiet massimi approvati tal-landfill jew tal-kapaċità totali tagħha.

37 Għandu jingħad ukoll li din id-dispożizzjoni tiddefinixxi l-"bidla sostanzjali" bħala "il-bidla […] ta' installazzjoni". Din il-formulazzjoni hija *a fortiori* sinjifikattiva peress li d-Direttiva 2010/75 hija intiża li tirregola "attivitajiet industrijali li jniġġsu" kif jirriżulta, b'mod partikolari, mid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva u tat-titolu tal-Anness I tal-imsemmija direttiva li telenka l-attivitajiet suġġetti għal awtorizzazzjoni skont il-Kapitolu II tagħha. Is-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill ma jikkostitwixxix bidla tal-installazzjoni, kemm fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha kif ukoll tal-funzjonament tagħha.

38 Fit-tieni lok, hekk kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 35 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill lanqas ma tbiddel il-funzjonament jew il-karatteristiċi tal-landfill.

39 Dan huwa kkonfermat mill-kuntest tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2010/75 ma ssemmi t-tul tal-użu bħala karatteristika tal-funzjonament li għandha neċessarjament tidher fl-awtorizzazzjoni.

41 Peress li d-Direttiva 2010/75 ma timponix li l-awtorizzazzjoni inizjali tipprevedi l-perijodu tal-operat, hija ma tistax tiġi interpretata fis-sens li teżiġi li l-unika estensjoni tal-operat tkun is-suġġett ta' awtorizzazzjoni ġdida.

42 Minn dak li ntqal jirriżulta li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill la jikkostitwixxi bidla tal-karatteristiċi jew tal-funzjonament u lanqas estensjoni ta' installazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75. Konsegwentement, tali estensjoni ma tissodisfax l-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, imfakkra fil-punti 32 u 33 ta' din is-sentenza, għall-klassifikazzjoni ta' "bidla sostanzjali" taħt din id-dispożizzjoni.

43 Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li jiġi eżaminat jekk it-tieni kundizzjoni ta' "bidla sostanzjali", jiġifieri li din il-bidla tista' tikkawża effetti negattivi sinjifikattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, hijiex issodisfatta.

44 Isegwi li din l-estensjoni ma tikkostitwixxix "bidla sostanzjali" fis-sens tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75. Għaldaqstant, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(2) ta' din id-direttiva ma jeżiġix li l-Istati Membri jobbligaw l-operatur ta' landfill japplika għal awtorizzazzjoni ġdida meta huwa jipprevedi biss l-estensjoni tar-rimi tal-iskart f'landfill fil-limiti tal-kapaċità totali ta' ħażna li diġà ġiet awtorizzata.

45 Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill, mingħajr ma jiġu emendati la d-dimensjonijiet massimi approvati tal-installazzjoni u lanqas il-kapaċità totali tagħha, ma tikkostitwixxix "bidla sostanzjali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi estensjoni tal-perijodu tar-rimi ta' skart f'landfill, mingħajr ma jiġu emendati la d-dimensjonijiet massimi approvati tal-installazzjoni u lanqas il-kapaċità totali tagħha, ma tikkostitwixxix "bidla sostanzjali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Firem